IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 46 (Laqgha b`urgenza)

22 ta` Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 46.1 Qari tal-ittri ta` Apologija

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 46.2 Diskussjoni dwar diversi temi importanti

46.2.1 Is-Sindku prezenta ittra li ntbghatet minghand is-Sinjura Ritianne Stanyer dwar item number 41.2.14 li hemm fil-minuti Nru 41(07) ta` 30 ta` Novembru 2017. Is-Sinjura Stanyer talbet sabiex il-minuti jigu kkoreguti fejn hemm mitkub Sinjura Stanyer. Is-Sur John Boxall spjega li s-Sinjura Stanyer ghandha ragun u propona li minflok isimha tinbidel ghall-*"whud mir-resdienti ta` din l-akwata".* Il-Kunsill approva unanimament.

46.2.2 Giet pprezentata korrispondenza li ntbaghtet minghand Marie Del Falco, segretarju tal-Assoccjazzjoni AVEC dwar il-progett ta` fotografija, fejn il-Kunsill gie nfurmat li jrid ihallas tal-ispejjez relatati mall-fotografu li jigi Malta. Il-Kunsill qabel unanimament li minhabba ragunijiet ta` flus, il-Kunsill ma jisghtax jakkomoda lil dan il-fotografu. Is-Sur Boxall propona li l-Kunsill ghandhu jistaqsi jekk jistax jibghat ritratti ta` fotografu Malti. Dwar dan kien hemm unanimu.

5:08pm Is-Sur Trevor Mizzi jinghaqad fil-laqgha.

5.22pm Is-Sur Eman Zerafa jinghaqad fil-laqgha.

46.2.3 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti dwar talba li saret sabiex il-lanca li hemm fejn ta` Callus, f`Sally Porte issirilha permess sa`Frar sakemm isiru xi tiswijiet. Is-Sur Trevor Mizzi qal li ghandu jsir kuntratt li jekk ma jzommx mall-kuntratt jittiehdu l-passi kontrih. Is-Sur Gellel qal li l-Kunsill jaghti permess b`xahar b`xahar bla hlas u jsir kollox bil-miktub. Is-Sur Eman Zerafa qal li fl-opinjoni tieghu m`ghandux jithalla hemm. Wara diskussjoni gie maqbul unanimament li l-Kunsill jiccekja ma` Transport Malta dwar dan.

46.2.4 Is-Sindku prezenta rcevuta ta` donazzjoni li kienet inghatat lill-Kunsill dwar il-lanca li tpoggiet it-Toqba. Is-Sindku spjega li din qed tigi pprezentata

wara mistqosija li tqajjment fuq is-sit socjali *Facebook* ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46.2.5 Is-Sindku nforma lil dak prezenti dwar filming li ser ssir gewwa l-Pjazza tal-Belt Vittoriosa. Is-Sindku zied jghid li saret laqgha l-Isla dwar dan il-filming u gie deciz li tinagata €1,500 donazzjoni lill-Kunsill. Is-Sur Boxall propona li dawn il-flus ghandhom jinqasmu €1000 taghmel tajjeb ghall-ktieb Survivors u l-€500 l-ohra tmur ghall-ikla tal-helpers, li matul is-sena iqassmu l-ittri (mailshots) madwar il-lokalita. Dwar dan kien hemm unanimu.

46.2.6 Dwar il-kliem li ser jigi mnizzel fuq il-kolonna taht il-bust ta` Dun Guzepp gie deciz unanimament li jsir bhal ma hemm fuq il-bustijiet l-ohra jigifieri Mons. Kan Dun Guzepp Caruana, l-annu ta` meta twieled u dak t` meta miet u Iben il-Belt Vittoriosa.

46.2.7 Gie deciz unanimament li laqgha annwali tal-lokalita ssir il-Hamis 1 ta` Marzu 2018.

46.2.8 Is-Sur Boxall ppropona li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jikteb ittra lill-Prim Ministru sabiex minn naha tieghu japprepara l-applikazzjoni sabiex il-Belt tal-Birgu tkun il-belt kapitali fis-sena 2032. Is-Sur Trevor Mizzi ssekonda u kien hemm qbil unanimu.

46.2.9 Is-Sur Boxall talab sabiex issir vot ta` fiducja fil-konfront tieghu u dan wara li huwa stess stqarr li mhux qed ihossu komdu jahdem f`dan il-Kunsill.

Is-Sur Boxall talab biex johrog mill-kamra sabiex jinghata il-vot.

Is-Sur Gellel qal li ghalkemm ma taqbilx f`kollox mieghu, ma jfissirx li ghandu sfiducja fis-Sindku. Il-Kunsilliera kollha prezenti wrew fiducja fis-Sindku.

Il-laqgħa intemmet fis-sitta u nofs ta` filghaxija (6:30pm). Il-seduta tal-laqgha li jmiss giet aggornata ghat-Tnejn 29 ta` Jannar 2018 fil-hamsa  ta` filghaxija.

Konfermati llum it-Tnejn 5 ta` Frar 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |